***REVOKA TA' MANDAT TA' QBID***

***PERFEZZJONI TAL-KUNTRATT TAL-BEJGH***

***ARTIKOLU 1347 TAL-KAP 16***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Dicembru, 2001**

**Kawza Numru: 13**
**Citazzjoni Numru: 734/94/RCP**

**Doris Grima u Antonia Attard Gialanze bhala diretturi u ghan-nom tad-ditta 'A.A.G. Limited'**

**vs**

**Anthony McKay u Antonia Attard Gialanze**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut ottjena l-hrug ta' mandat ta' qbid li jgib in-numru 1659/92 fl-ismijiet "Anthony McKay vs Antonia Incorvaja" (Dok A).

Illi tali mandat gie ezegwit fid-29 ta' Lulju, 1992.

Illi l-oggetti maqbuda jappartjenu lis-socjeta` attrici u dan wara li gew trasferiti permezz ta' skrittura privata redatta in atti tan-Nutar Carmel Gafa datata 1 ta' Frar 1992 (Dok B).

Illi ghalhekk l-imsemmi mandat huwa null u bla effett u dan peress illi qed jigi ezegwit fuq propjeta` li ma tappartjenix lid-debittrici fil-mandat fuq imsemmi.

l-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li l-effetti maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid numru 1659/92 fl-ismijiet fuq premessi, jappartjenu lill-atturi.

2. Tiddikjara null u bla effett, il-mandat numru 1659/92 fl-ismijiet 'Anthony McKay vs Antonia Incorvaja' mahruga fit-8 ta' April 1994 ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 7 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 7 sa 35 tal-process;

Rat il-verbali tal-24 ta' Ottubru 1994, tal-14 ta' Dicembru 1994, tat-8 ta' Marzu 1995.

Rat ir-rikors tal-atturi tas-16 ta' Mejju 1995 u d-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Mejju 1995 fejn cahdet it-talba.

Rat il-verbali tal-31 ta' Mejju 1995 u tat-8 ta' Novembru 1995.

Rat ir-rikors tal-atturi tal-14 ta' Novembru 1995 u d-digriet tal-Qorti tad-19 ta' Novembru 1995 fejn laqghet it-talba b'dan li l-pubblikazzjoni ghandha ssir ukoll f'zewg gazzetti ta' kuljum.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Dicembru 1995.

Rat il-verbal tas-16 ta' Frar 1996.

Rat in-nota ta' Dr Scerri Herrera ghall-atturi tat-23 ta' Frar 1996 fejn gew prezentati zewg dokumenti (fol 49 sa 50).

Rat il-verbal tat-22 ta' April 1996.

Rat in-nota tal-atturi tat-3 ta' Ottubru 1996 fejn gew prezentati zewg dokumenti (fol 53 u 54).

Rat li l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati baqghu ma pprezentaw ebda noti ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqghu kontumaci.

Rat il-verbali tal-14 ta' Ottubru 1996, tal-24 ta' Jannar 1997, tat-2 ta' Mejju 1997 u tas-17 ta' Ottubru 1997.

Rat in-nota tal-atturi tas-17 ta' Ottubru 1997 fejn giet esebita skrittura (fol 61 sa 68).

Rat il-verbali tas-26 ta' Jannar 1998 fejn Dr David Camilleri ghall-atturi talab li jipprezenta x-xhieda tieghu bil-procedura tal-affidavit, il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghall-1 t'April 1998.

Rat ir-rikors tal-24 ta' Frar 1998 u d-digriet tal-Qorti tal-25 ta' Frar 1998 fejn cahdet it-talba.

Rat il-verbali tal-1 ta' April 1998, tat-3 ta' April 1998, tad-19 ta' Gunju 1998 u tat-13 ta' Jannar 1999.

Rat in-nota tal-atturi tal-5 ta' Frar 1999 fejn gie esebit l-affidavit ta' Antonia Attard Gialanze (fol 79).

Rat il-verbal tat-12 ta' Mejju 1999.

Rat in-nota tal-atturi tal-25 ta' Novembru 1999 fejn gie pprezentat l-affidavit tan-Nutar Carmel Gafa (fol 82).

Rat il-verbali tal-10 ta' Dicembru 1999, tat-3 ta' Mejju 2000, tal-4 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tat-2 ta' Novembru 2000, tas-16 ta' Jannar 2001, tal-20 ta' Marzu 2001, tas-26 ta' Gunju 2001 fejn xehdet Antonia Attard Gialanze, tat-8 ta' Novembru 2001 fejn xehed in-Nutar Charles Gafa u Dr David Camilleri ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Dicembru 2001 b'dan li l-konvenuti ghandhom il-fakolta jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet fi zmien 20 jum bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 20 jum biex jirrispondi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir mis-socjeta` attrici stante li qed tallega li l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Nru 1659/92 fl-ismijiet Anthony McKay vs Antonia Incorvaja gew elevati mill-poter tal-intimata hemm indikata effetti mmobbili li in verita huma appartenenti lis-socjeta` attrici u mhux lid-debitrici esekutata.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-fatt permezz tal-Mandat ta' Qbid imsemmi gew elevati mill-post 'Attard Gialanze Jewellery', Block C, Shop 3, Bormla Wharf, Cospicua, is-segwenti effetti mmobbili:

1. Bank kbir tal-aluminium imdawwar bil-hgieg.

2. Radio cassette tal-marka Grundig 2 in 1.

Illi din l-esekuzzjoni mill-Marixxall Albert Scicluna jidher li sehhet fid-29 ta' Lulju 1992 in segwitu ghall-Mandat ta' Qbid esekuttiv in esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet "Anthony McKay vs Antonia Incorvaja f'isimha proprju u ghad-ditta Gialanze Jewellery" deciza fis-17 ta' Settembru 1991(Citaz Nru, 728/85/JF).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-istess konvenuta Antonia Attard Gialanze kienet iffurmat kumpanija ma Doris Grima bl-isem ta' A.A.G. Limited fis-sena 1991 u l-istess konvenuta kienet bieghet l-affarijiet kollha taghha lill-istess socjeta` inkluzi l-oggetti kollha li kienu jinsabu fil-hanut fuq premess, lill-istess kumpanija permezz ta' skrittura privata datata 13 ta' Frar 1992.

Illi fil-fatt l-istess skrittura privata tal-1 ta' Frar 1992, li tinsab esebita a fol.19 tal-process, l-istess konvenuta Antonia Incorvaja illum Antonia Attard Gialanze bieghet lis-socjeta` A.A.G. Limited "l-effetti mmobbili kollha inkluz l-i*stock* u l-

*furniture and fittings* kif jidher mill-inventarju hawn anness u mmarkat bhala dokument ‘A’ tale kwale u fl-istat li jinsabu llum, li jghammru u jinsabu fi tlett ihwienet mikrija lill-istess venditrici Antonia Incorvaja u liema hwienet huma:

1. il-hanut bl-isem ‘Attard Gialanze Jewellery’, fi Block li jgib l-ittra ‘C’, Shop 3, Bormla Wharf, Cospicua.

2. il-hanut li jgib l-isem ta’ ‘Antiques’, numru tlieta u hamsin (53), Gavino Gulia Square, Cospicua, u

3. l-hanut li jgib l-isem ‘London Clock and Watch Centre’, numru erba’ u hamsin (54) Gavino Gulia Square, Cospicua.

Illi dan il-kuntratt gie kkonfermat min-Nutar Carmel Gafa` permezz tal-affidavit tieghu tat-12 ta’ Jannar 1999 u wkoll permezz tal-affidavit tal-attrici immarkat bhala dokument ‘F’, datata 5 ta’ Frar 1999 a fol. 79 tal-process.

Illi mill-istess kuntratt u mill-affidavits tax-xhieda prodotti jirrizulta li l-effetti mmobbili kollha li kienu jezistu fit-tlett ihwienet imsemmija fl-istess skrittura privata nkulzi fil-hanut fejn saret l-esekuzzjoni konsegwenti ghall-mandat ta’ qbid Nru 1659/92 kollha saru proprjeta` tas-socjeta` attrici b’effett mill-1 ta’ Frar 1992 bil-konsegwenza li meta l-mandat gie esegwit fid-29 ta’ Lulju 1992 l-effetti mmobbli hemm elevati u ndikati ma kienux proprejta` tad-debitrici esekuttata u konvenuta odjerna izda tas-socjeta` attrici.

Illi dan qed jinghad ukoll abbazi ta' dak li hemm stabbilit *ai termini* tal-**artikolu 1347 tal-Kap 16** li jipprovdi li:

"*Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta` tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej*".

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jidher li l-azzjoni attrici tinsab ippruvata mill-provi u dokumenti prodotti quddiem din il-Qorti li fi kwalunkwe kaz ma gew bl-ebda mod ikkontestati la bi provi min-naha tal-konvenuti jew kreditur esekutant u lanqas tramite nota ta' osservazzjonijiet li l-istess konvenut, kreditur esekutant inghata l-opportunita` li jippresenta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut Anthony McKay u tal-konvenuta Antonia Attard Gialanze **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan li:

1. Tiddikjara li l-effetti maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid numru 1659/92 fl-ismijiet fuq premessi, jappartjenu lill-atturi nomine.

2. Tiddikjara null u bla effett, il-mandat numru 1659/92 fl-ismijiet 'Anthony McKay vs Antonia Incorvaja' mahruga fit-8 ta' April 1994 ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, in kwantu gie esegwit fuq oggetti appartenenti lill-istess atturi nomine.

Bl-ispejjez kollha jigu ssoportati mill-istess l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**11 ta' Dicembru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**11 ta' Dicembru 2001**